**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**36, VIDENZA, TRIQ Il-MITĦNA**
**ĦAL LIJA**
**TEL NO : 21416111**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

## ID-DISA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 28

Data tal-laqgħa: It-Tlieta 21 ta' Lulju, 2026

Il-Kunsilli Lokali Ħal Lija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu, fil-10:00 ta' filgħodu.

### PREŻENTI:
Anthony Dalli – Sindku
Calcedonio Cini – Viċi Sindku
Lorraine Farrugia Muscia – *Minority Leader*
Diane Abela Penza – Kunsillier
Carl Betts - Kunsillier

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):
Ma kien hemm l-ebda membru assenti b'apoloġija

### ASSENTI:
Ma kien hemm l-ebda membru assenti

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Pamela Seguna – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Is-Sindku Anthony Dalli, ippreseda il-laqgħa.

## 28.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

28.1.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji ma kienx hemm.

## 28.2 Punti mqajma, kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 27

28.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tas-sebgħa u għoxrin-il laqgħa. Kopja tal-minuti ngħataw lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

28.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezjoni tal-minuti, mistoqsijiet jew matters arising.

28.2.3 Fuq proposta tal-Viċi Sindku Calcedonio Cini li kien issekondat mill-Kunsillier Diane Abela Penza, l-minuti tas-sebgħa u għoxrin-il laqgħa ġew approvati unanimament.

## 28.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

28.3.1 Komunikazzjoni mis-Sindku ma kienx hemm għal din is-seduta.

## 28.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

28.4.1 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera bil-miktub ma kienx hemm.

## 28.5 Korrispondenza

28.5.1 Rapport tal-korrispondenza anness mal-minuti. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera, biex ikunu jafu dwar xiex jittrattaw ċertu korrispondenza li ntbgħatet, saru fuq:

a. 2026/000418
b. 2026/000422
c. 2026/000424

28.5.2 In-natura ta' kull korrispondenza msemmija hawn fuq ġiet spjegatha fil-qosor mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsilliera ġew imfakra kif huma jistgħu jżuru l-uffiċċju tal-Kunsill fil-ħinjiet tal-ftuħ u jaraw din il-korrispondenza mill-file aktar fid-dettal.

## 28.6 Aġġornament dwar Jum Ħal Lija

28.6.1 Is-Sindku ta l-aħħar aġġornament dwar l-attivitajiet li ttellaw ta' Jum Ħal Lija. Huwa spjega kif inġenerali l-attivitajiet kollu li ttellaw tmexxew sew u ħareġ it-tajjeb minnhom però setgħa kien hemm xi tibdil żgħir għall-aħjar u ċertu dettal li l-Kunsill Lokali jista jagħti aktar każ tiegħu għal darboħra.

28.6.2 Is-Sur Dalli kompla jgħid kif it-tour fit-Torri Belvedere u l-Knisja l-Qadima tas-Salvatur intlaqa tajjeb ħafna bħala feedback li ngabar minn nies u kien tassew tour nformattiv li minnu ħareġ frott edukattiv. Kompla jgħid kif il-quddiesa ta' ringrazzjament flimkien mal-għotja tal-Ġieħ marret tajjeb ukoll kif pjanata.

28.6.3 Is-Sindku tkellem dwar l-attivita tal-futbol u penalty shooting fejn spjega kif din l-attivita ukoll saret però n-nies u t-tfal li attendew tista tgħid ma kienux minn Ħal Lija. In-nies li attendew kollha ġew minn barra wara li raw ir-riklam mtela minn nursery. Wara tkellem fuq l-attivita tal-padel tournament fejn għal din l-attivita wkoll kien hem konkorrenza tajba, però l-istess ħaġa bħal tal-futbol, in-nies li attendew ma kienux minn Ħal Lija. Is-Sur Dalli spjega kif huwa f'ċirkustanzi bħal dawn li l-Kunsill irid jara x'se jagħmel u kif ser iħajjar aktar nies minn Ħal Lija biex jattendu għaliex jidher biċ-ċar li għal ċertu tip ta' attivitajiet l-Kunsill mhux qed jilħaq l-ammont mixtieq ta' attendenza minn nies tar-raħal stess.

28.6.4 Is-Sur Dalli kompla jgħid kif din id-darba l-flyer tal-attivitajiet apparti xxandar fuq il-Facebook u ntbgħat bl-imejl, dan anke tqassam fid-djar kollha. Żied jgħid kif in-nies staqsewh jekk mhux ser isir il-BBQ però bħal ma ntqal fil-laqgħa ġie spjegat kif dan ma sarx minħabba li kien għoli bħala prezz u anke kien ser jaħbat ma' attivitajiet oħra tal-festa.

## 28.7 Aġġornament 'Minn Pjazza għal Pjazza'

28.7.1 Is-Sindku ta l-aħħar aġġornament dwar l-avveniment ta' 'Minn Pjazza għal Pjazza' li bħala attività ntlaqgħet tajjeb ħafna mill-pubbliku u din kienet l-ewwel esperjenza għal kunsill lokali ta' Ħal Lija li organizza avveniment kbir hekk.

28.7.2 Is-Sur Dalli qal kif iż-żewġ konsulenti ta' Pjazza Pjazza li għenu u dderiġew lil Kunsill Lokali kienu kuntenti ħafna bil-komunikazzjoni li kellhom mal-kunsill. Apprezzaw ħafna l-ħidma u l-istinkar tal-Kunsill Lokali u bis-saħħa ta' hekk setgħat titella attività professjonali u ta' suċċess. Anke il-video feature li sar fuq it-Torri Belvedere u l-Knisja il-Qadima tas-Salvatur kien imqassam tajjeb u ferm edukattiv.

28.7.3 Is-Sindku rringrazzja lil kull min ta' sehmu f'din l-attivita u rringrazzja s-Segretarju Eżekuttiv flimkien mal-amministrazzjoni u l-ħaddiema kollha tal-impenn tagħhom bla waqfien għaliex vera ħadmu bi dedikazzjoni.

28.7.4 Is-Sur Dalli qal kif l-istalls kollha kienu mqassmin tajjeb, kien hemm attendenza kbira mir-residenti u mill-pubbliku u l-feedback kien wieħed straordinarju. Is-Sindku spjega kif ilment wieħed kien hemm fuq l-uffiċċjali tal-komunita għaliex minn ċertu ħin ma ħallewx aktar lill-karozzi jidħlu mit-torri l-fuq u dan mhux minħabba li għax kien hemm il-Festa ta' Ħal Balzan ukoll imma għaliex mid-dehra ma kienx hemm aktar parkeġġ u l-karozza spiċċaw bdew jidħlu u jibqgħu jduru għalxejn. Għalhekk il-gwardjan għalaq it-triq u beda jħalli biss lir-residenti jidħlu lejn djarhom.

28.7.5 Is-Sindku staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv jekk tixtieqx iżżid xi kummenti. Is-Sa Seguna qalet kif hija taqbel miegħu fuq dak kollu li qal u ma tantx kellha wisq xiżżid. Hija qalet kif bl-ammont ta' nies li attendew u l-feedback li rċieva l-Kunsill huwa biżżejjed biex wieħed jinduna kemm din l-attivita kienet orgnaizzatha u mtela tajba mill-amministrazzjoni u dan għaliha huwa ta' sodisfazzjoni kbir meta wieħed jiftakar li din kienet l-ewwel darba li l-Kunsill organizza xi ħaġa kbira bħal din.

28.7.6 Is-Sa Seguna għarfet lil Kunsill kollu wkoll kif sfortunatament wara l-attivita u sakemm l-għada filgħodu ġew miġbura l-istands tal-MTA, xi ħadd seraq stand. Sfortunatament il-Kunsill ġie kkuntatjat mill-MTA li jrid iħallas ta' din l-istand il-mitlufa. Il-Kunsilliera ħadu nota.

28.7.7 Is-Sa Lorraine Farrugia Muscia qalet kif il-Knisja il-Qadima tas-Salvatur kien hemm esebizzjoni sabiħa ħafna bir-ritratti tat-torri u tal-istess Knisja, filwaqt li fl-istess ħin beda jintwera l-feature. Hija ssuġġeriet biss biex ir-ritratti darboħra jitpoġġew fuq stands. Is-Sindku wieġeb kif dak kien l-iskop u l-pjan kien li jinxtraw jew jinkrew stands apposta imma dawn kienu għoljin ħafna. Il-Kunsill ipprefera li jqassam il-flus mgħottija mod ieħor u fuq affarijiet oħrajn wara li għamel rendikont tal-ispejjeż kollha nvoluti, li dawn ma kienu spejjeż zgħar.

## 28.8 L-Ewwel Rapport ta' kull kwart għall-perjodu Jannar sa Marzu 2026

28.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv reġgħat infurmat lil Kunsilliera kif dan ir-rapport l-accountant għadha qed taħdem fuqu kif ġie spjegat fis-seduta preċedenti.

## 28.9 Preparazzjoni Festa – Kristu Salvatur 2026

28.9.1 Is-sindku spjega kif il-preparazzjonijiet tal-festa għaddejjin b'ritmu tajjeb u bħala proċeduri kważi kollox ffinalizzat. Huwa spjega kif is-Sibt saret laqgħa mal-pulizija u anke mal-għaqdiet biex jiġu kkordinati ċertu affarijiet.

28.9.2 Is-Sur Dalli spjega kif il-Kunsill anke ordna l-uffiċċjali tal-LESA kif dejjem jsir minħabba għeluq ta' toroq u anke biex jassistu lill-pulizija jneħħu vetturi li xorta jipparkjaw u kif ukoll biex jiġi diverted t-traffiku. Din l-ispiża ser ikollu jassorbiha l-Kunsill lokali peress li din is-sena m'hemmx fondi jew skemi għal dan l-iskop.

28.9.3 Is-Sur Dalli kompla jinforma lil Kunsilliera kif il-permessi tal-kiosks għadhom qed jinqataw u kważi kollha ngabru kif dejjem sar fi snin kurrenti. L-istess ħaġa qed ssir ukoll rigward il-permessi li jiġu mitluba mill-Każini.

28.9.4 Bħala servizzi u tindif, is-sindku spjega kif il-Kunsill talab għall-istess servizzi bħas-sena ta' qabel. L-amministrazzjoni ħadet ħsieb tikkoordina li jkun hemm servizz ta' tindif u knis mal-kuntrattur kif ikun il-bżonn,

tindif u servizz ta' attendant mal-latrini pubbliċi u anke saret mal-cleansing Department biex il-Kunsill jingħata għoxrin bin li ser jieħu ħsieb it-tindif u t-tbattil tagħhom il-kuntrattur tal-kunsill lokali. Is-Sur Dalli spjega kif fil-pjazza ser jitweħlu anke directional signs biex wieħed ikun jaf min fejn jista jagħmel użu tal-faċilitajiet tal-latrina.

28.9.5 Bħal ma jsir kull sena l-Kunsilliera kollha unanimament qablu li mhux ser ikun qed isir ħruġ ta' permessi għal kull tip ta' makkinarju fil-village core jew toroq fejn f'għajnejn il-Kunsill Lokali m'għandux jinqata minħabba l-armar tal-festa. Ġie deċiż li permessi mhux ser ikunu qed jinħarġu mill-25 ta' Lulju 2026 sad- 9 ta' Awwissu 2026 (iż-żewġ dati nklużi) għall-ebda raġuni diment li ma tkunx xi emerġenza rraġunatha.

28.9.6 L-amministrazzjoni ser tkun qed tieħu ħsieb ukoll biex għal ġimgħa tal-festa l-Kuntrattur tal-iskart goff ma jingħatax lista twila ta' oġġetti x'jiġbor speċjalment jekk ikunu oġġetti kbar, dan biex jiġi evitat kemm jista jkun kull inkonvenjent li jitħallew xi affarijiet madwar ir-raħal tul il-festa kollha.

28.9.7 Is-Sindku Anthony Dalli fl-aħħar issuġġerixxa li bħal ma jsir kull sena fi żmien il-festa b'kollaborazzjoni mal-kunsill u biex tkompli tisaħħaħ l-kultura fir-raħal ,tingħata s-somma ta' : €1,000 lil Kappillan għal Parroċċa u €800 kull wieħed lil Każin Sant Andrija, Każin San Pio X, lil Kumitat Festi Esterni Lija u lill-Għaqda tan-Nar San Mikiel Lija. Il-Kunsilliera qablu unanimament ma' dan is-suġġerriment u ma kienx hemm oġġezzjonijiet. Is-sindku fakkar kif din is-sena l-Kunsill mhux ser ikun qed jerfa l-ispiża tas-servizz ta' fire engine peress li din hemm fondi apposta minn fejn l-għaqda tan-nar tista tapplika għalihom. Huwa ser jerġa jfakkar lill-għaqda dwar dan u l-Kunsilliera reġgħu ħadu nota ta' dan il-komunikat.

## 28.10 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill u lmenti

28.10.1.1 <u>Skema SPI SCI 05/2026 – Finanzjament Komunitajiet akbar b'saħħithom u ta' kwalità</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv reġgħat poġġiet fuq il-mejda tal-Kunsill skema kif imħabra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex il-Kunsill Lokali jkun f'pożizzjoni aħjar li jwettaq proġetti jew inizjattivi biex jgħinu l-komunita tkun aktar b'saħħitha u ta' kwalità. Il-Kunsill jista jibbenifika sa massimu ta' €100,000 u jrid japplika sal-24 ta' Lulju 2026.

28.10.1.2 Din il-materja diġà ttellat fis-seduta tal-Kunsill ta' Ġunju ukoll fejn ġie deċiż b'mod unanimu li l-Kunsill japplika għal tibdil fil-madum kollu li hemm fil-ġnien Ċentru Rikreattiv għal pavimentar bil-concrete imprint, jinbidel il-piping tat-tisqija u l-ilma u anke is-sistema tal-eletrikku fejn dawn iż-żewġ servizzi jiġu mgħoddija puliti ġo cable/kanna biex f'każ ta' ħsara u tiswijiet mhux terġa titkisser l-art kollha. Ġie deċiż ukoll li jinxtraw tlett pompi tal-ilma kif xieraq. Is-Sa Seguna qalet kif hija qed taħdem fuq l-applikazzjoni ta' din l-iskema minħabba d-deadline marbut biex tiprova iġġib id-dokumentazzjoni kollha meħtieġa. Intalbet anke l-għajnuna u l-assistenza tal-perit fuq din l-applikazzjoni għaliex ċertu dokumentazzjoni hu jrid jiggwida lill Kunsill ta' x'għandu jsir u anke jrid jħejji xi dokumentazzjoni minn naħa tiegħu.

28.10.1.3 Is-Sa Seguna flimkien mas-Sindku ressqet fuq il-mejda pjanta tal-ġnien inkonessjoni ma' din l-iskema li turi fejn il-Kunsill ser ikun qed japplika għat-tibdil u tisbieħ biex qabel ma tidaħħal l-applikazzjoni jkun hemm l-approvazzjoni tal-kunsilliera kollha. Il-Kunsilliera kollha ħadu nota u approvaw l-akwati mmarkati fejn fihom ser ikun qed isir rikjest għal tisbieħ u manutenzjoni.

28.10.1.4 Qabel ma ġie diskuss l-item li jmiss, il-Kunsillier Lorraine Farrugia Muscia staqsiet jekk tistax anke ssir xi ħaġa dwar dik il-biċċa ħamrija, mal-passaġġ. Is-Sindku qal kif dik alissa ser tibqa bil-ħamrija. Is-Sa Farrugia Muscia però nsistiet biex almenu tingħalaq sew bil-fencing. Is-Sindku qal kif il-Kunsill irranġah dak il-fence diversi drabi u dejjem reġgħa ġie vvandalizzat. Is-Sa Farrugia Muscia qalet li wasal iż-żmien isir xi ħaġa oħra aħjar bħal anke jiġu mistoqsija jekk jistgħu jgħinu l-pulizija biex jingħalaq bi barriers apposta bħala protezzjoni. Is-sindku qal kif barriers jistgħu jsiru mill-kunsill, però barriers isiru meta normalent jkun hemm xi periklu u f'dan il-każ periklu m'hemmx. Is-Sa Farrugia Muscia qalet li bħala periklu wieħed jista jqabbad il-ħaxix ħażin, però minnufih is-Sindku kkonferma li ħaxix ħażin m'għadtx hemm għaliex dan kollu ħa ħsieb li jneħħih l-Kunsill u biex kemm jista jkun ra x'prekawzjoni jista jieħu biex ma jerġax jitla.

28.10.1.5 Is-Sa Lorraine Farrugia Muscia baqgħet tgħid kif però xi ħaġa trid ssir f'din il-biċċa ħamrija għaliex l-iskop tagħha mhux biex kull darba jinqala l-fence u jitħallew klieb bla ċinga jħamġuha u anke skart ġili qed jintrema. Is-Sur Dalli spjega kif il-Kunsill irid joqgħod attent kif ser jaġixxi dwarha din il-problema u x'jista jsir għaliex fejn jidħlu d-drittijiet tal-annimali, llum dan huwa suġġett sensittiv. Ġie ssuġeriet anke forsi li ssir tabella biex is-sid inaddaf wara l kelb tiegħu. Is-Sindku qal kif din hija xi ħaġa li l-Kunsill irid jaħseb sew fuqha fi seduta oħra, peress li din hija materja li għan din id-darba ma kienetx ippjanatha li tiġi diskussa dak il-ħin.

28.10.2.1 <u>Talba biex issir bankina fi Triq il-Forn</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet talba li saret minn residenta biex issir bankina fi Triq il-Forn kantuniera ma Sqaq nru 5 għaliex f'din il-parti m'hemmx bankina. Din ir-residenta esprimiet il-bżonn ta' bankina minħabba l-periklu li kif toħroġ mill-bieb tiġi mill-ewwel ġot-triq u qalet ukoll li hija tixtieq timplementha għatba però l-ewwel trid li ssir l-bankina. Is-Sa Seguna qrat l-imejl tar-residenta.

28.10.2.2 Il-Kunsill iddeċieda li dwar din it-talba jikkonsulta mal-Perit u kemm il-darba tista ssir, japplika ma' Transport Malta u jsir dak li huwa meħtieġ.

28.10.3.1 <u>Kunsiderazzjoni - Korsijiet AI for All</u>

Tressaq suġġeriment biex il-kunsill jħejji għar-residenti ta' kull eta korsijiet tal-AI. Dan is-suġġeriment tressaq mill-Kunsilliera Abela Penza u għalhekk is-Sa Seguna ħalliet f'idejha biex tispjega xi trid eżatt.

28.10.3.2 Is-Sa Abela Penza fil-qosor iċċarat kif hija tixtieq li l-Kunsill jingħaqad fl-inizjattiva tal-AKL mal-MDIA biex il-Kunsill Lokali jirreġistra l-interess tiegħu bħala lokalita biex il-korsijiet tal-AI b'xejn li qed isiru mill-Gvern ikunu jistgħu jgawdu minnhom ukoll dawk ir-residenti nteressati li jixtiequ jagħmlu dan il-kors bi gwida u għajnuna mill-MDIA minnflokk jagħmluh weħidhom id-dar.

28.10.3.3 L-amministrazzjoni ser tieħu ħsieb tikkuntattja dirett lill-MDIA dwar dan u żżomm il-Kunsill aġġornat meta dan il-kors ikun ser isir.

28.10.4.1 <u>Network 'EU for Local Councillors'</u>

Tressqet talba fuq il-mejda mingħand il-Kunsilliera Diane Abela Penza biex tingħaqa bħala membru fin-network ' EU for Local Councillors'. Biex tkun tista tingħaqad hija trid l-approvazzjoni tal-firmatarji tal-Kunsill Lokali.

28.10.4.2 Is-Sindku wieġeb kif huwa ma jsibx oġġezzjoni li hija tkun membru f'dan in-network u terfa dan l-irwol fuq bażi tad-dekasteru li hija għandha. Biss is-Sindku qal li minkejja li m'hemmx oġġezzjoni biex tkun membru, hija xorta ser tkun qed taġixxi f'isem il-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija u għalhekk fejn ikun hemm bżonn lintervent tal-Kunsill Lokali għal xi avvenimenti jew f'kull deċiżjoni li jkun hemm bżonn tittieħed f'dan in-network, hija xorta għandha d-dmir li tirrapporta l-ewwel mal-Kunsill Lokali u tressaq kollox għall-approvazzjoni fis-seduta li jkun jmiss tal-Kunsill Lokali.

28.10.4.3 Is-Sa Diane Abela Penza ħadet nota ta' din il-komunikazzjoni u ħadd mill-kumplament tal-Kunsilliera ma kellu oġġezzjoni biex t-talba tas-Sa Abela Penza tiġi milqugħa.

28.10.5.1 <u>Talba għal Maternity u Parental Leave mingħand is-Segretarju Eżekuttiv</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv għarfet lil Kunsill dwar il-bżonn li hija jaf ikollha biex tapplika għal parental leave biex tkun tista tgawdih mat-tieni tarbija li ser jkollha. Hija spjegat kif apparti li ser tagħmel użu mill-leave tagħha tas-sena 2026 li akkumulat u kif ukoll tal-benefiċċju tal-maternity leave, jaf ser ikollha tapplika għall-benefiċċju tal-parental leave anke jekk ikun hemm xi unpaid leave għaliex hija tixtieq li tqatta aktar żmien mat-tarbija din id-darba. Is-Sa Seguna spjegat kif għadha ma tafx eżatt għal kemm xhur parental leave ser tapplika għaliex għadha trid tagħmel xi kalkoli, però xtaqet tgħarraf lil kunsill minn qabel biex ikun infurmat bis-sitwazzjoni. Hija bħalissa qed tara x'proċeduri u formoli hemm bżonn jimtlew u sas-seduta li jmiss ser tiprova tlesti dak kollu li huwa meħtieġ biex jitella kollox għall-approvazzjoni u l-Kunsiderazzjoni.

28.10.5.2 Is-Sindku għarraf lis-Segretarju Eżekuttiv biex tapplika skond il-bżonn li hija għandha. Il-Kunsilliera kollha ħadu nota ta' dan il-komunikat u ma sabux oġġezzjoni.

28.10.6.1 <u>Korrispondenza ma' Project Green - ilmenti u mistoqsijiet</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lil Kunsilliera bi korrispondenza li saret bejn il-Kunsill u Project Green rigward Ġnien Merino fuq xi lmenti li saru minn nies u anke saru xi klarifikazzjonijiet fuq ix-xogħol. F'din il-korrispondenza ġie mistoqsi meta ser jitlesta dan il-proġett u ngħatat ir-risposta li t-target huwa sal-aħħar ta' Settembru. Il-Kunsill ġibed l-attenzjoni wkoll biex is-sit sakemm ikun komplut jingħalaq aktar sew għaliex saru rapporti li xorta daħlu xi nies jduru fih u bil-klieb bla ċinga jiġru mal-ġnien. L-uffiċjali ta' Project Green wieġbu kif din hija xi ħaġa li diġà ġibdu l-attenzjoni tal-kuntrattur dwarha, biex jagħlaq is-sit aħjar ħalli alissa ma jidħlux nies u kif ukoll bħala parti mill-proġett ser jitweħlu tabelli b'informazzjoni dwar kif għandhom jidħlu l-klieb aktar il-quddiem.

28.10.6.2 Is-Sa Seguna kompliet tispjega kif komunikazzjoni oħra li saret kienet fejn Project Green ġie nfurmat li residenti qed jgħidu li l-bankina/rampa li saret fuq barra hija perikoluża. L-Uffiċjali ta' Project Green ikkonfermaw li l-bankina saret skond l-istandards u rekwiżiti ta' TM u l-problema hija biss li għadha xi ħaġa ġdida sakemm in-nies

jidrawha waqt li huma jkunu qed jsuqu. Project Green hawnhekk talab lil Kunsill li biex forsi din il-problema tonqos, ssir applikazzjoni ma’ TM biex fejn hemm din il-bankina/rampa, issir bollard jew cats eye biex dak li jkun jinduna aktar bil-bankina/rampa. Għalhekk is-Sa Seguna staqsiet lil Kunsill kollu jekk japprovawx dan is-suġġeriment ta’ Project Green.

28.10.6.3 Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għal dan is-suġġeriment u din it-talba ser tiġi mgħoddija għall-approvazzjoni u kunsiderazzjoni ta’ Transport Malta.

28.10.6.4 Is-Segretarju Eżekuttiv wara kompliet tinforma lil Kunsilliera kif anke ġie kkomunikat ilment ieħor ma’ Project Green, fejn residenti qed jgħidu u dan il-Ġnien ilu ma jingħata ftit tisqija minn meta beda x-xogħol, għalhelkk il-Kunsill għadda dan l-ilment għall-attenzzjoni u l-kunsiderazzjoni tal-uffiċjali ta’ Project green biex jieħdu azzjoni. Risposta ingħatat ukoll minn Project Green dwar dan l-ilment, fejn ġie kkonfermat li hemm installatha sistema ta’ rrigazzjoni apposta però għadha mhux tiffunzjona u sa dan it-tant il-kuntrattur obbligat isaqqi manwalment u jibdel l-ixtieli n-nixfien.

28.10.7.1 <u>Talba għal bozza fi Triq Sant Andrija</u>
Tressqet talba biex titweħħel bozza ġdida fi Triq Sant Andrija għaliex f’din il-parti hemm ħafna dlam.

28.10.7.2 Is-Sindku qal kif dwar din it-talba kien diġà kelmu xi ħadd fuqha però ser jerġa jiċċekkja dwar x’kien ġara għalfejn finalment ma saritx.

28.10.8.1 <u>Talba għal bozza fi Triq Sir Ugo Mifsud kantuniera ma’ Triq Is-Salvatur</u>
Tressqet talba minn resident biex issir bozza ġdida fi Triq Sir Ugo Mifsud kantuniera ma’ Triq is-Salvatur.

28.10.8.2 Il-Kunsill approva din it-talba u ser jiġi nfurmat l-kuntrattur biex din issir bl-STL form skond il-proċedura.

28.10.9.1 <u>Talba għal T-Sign Triq Mons. Joseph Fenech</u>
Tressqet talba biex fi Triq Mons. Joseph Fenech teħel T-sign u b’hekk vetturi jindunaw li din ir-rotta tagħlaq u ma tinfed għal mkien.

28.10.9.2 Il-Kunsill unanimament approva din it-talba.

28.10.10.1 <u>CIR AKL 2026/054 – Żjara l-Vatikan</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda ċirkulari kif mibgħuta mill-AKL dwar Żjara l-Vatikan. Fil-Qosor ġie spjegat kif qed tiġi organizzatha inizjattiva biex issir udjenza mas-Sanita tiegħu l-Papa Iljun XIV għall-grupp ta’ Sindki Maltin fil-Belt Vatikan bejn 20 u 22 t’Ottubru, fejn jiġi rikonoxxut is-servizz li l-Kunsilli Lokali jagħtu lill-Komunitajiet tagħhom. Din l-inizjattiva hija miftuħa għal Sindki u Presidenti Reġjonali biss fejn dawk li nteressati jattendi jridu jirreġistraw sas 7 ta’ Awwissu u jgħaddu donazzjoni personali ta’ 50 lil AKL.

28.10.10.2 Is-Sa Seguna kompliet tgħid kif l-ispejjeż relatati mal-parteċipazzjoni, inkluż biljetti tal-ajru, l-akkomodazzjoni u kwalunkwe daily subsistence allowance (DSA) għandhom jitħallsu mill-Kunsill Lokali rispettiv, skond il-proċeduri u r-regolamenti applikabbli.

28.10.10.3 Is-Sindku qal kif huwa ser jattendi għal din l-inizjattivita. Il-Kunsilliera kollha ma sabux oġezzjoni dwar dan.

## 28.11 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti u spejjeż oħra

28.11.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta’ pagamenti numru 07/26 li kienet tinkludi l-ammont tal-*petty cash* ta’ €17.20 għax-xahar ta’ Ġunju 2026.

28.11.2 L-iskeda ta’ ħlasijiet imressqa (numru 07/26) kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kap tal-Minoranza Lorraine Farrugia Muscia li kienet issekondata mill-Viċi Sindku Calcedonio Cini. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet kollha. Is-Segretarju Eżekuttiv fakret li peress li l-fergħa tal-HSBC ta’ Ħal Balzan għalqet għal kollox, l-pagament tal-*petty cash* ser joħroġ fuq isem is-Sindku u s-Sindku umbagħad jagħti l-ammont tal-flus kontanti lis-Segretarju Eżekuttiv lura.

## 28.12 Mozzjonijiet

28.12.1 Mozzjonijiet ma kienx hemm.

## 28.13 Applikazzjonijiet tal-Awtorita tal-Ippjanar

28.13.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li skond l-aġġornamenti li tibgħat it-town planner, l-applikazzjonijiet msemmija hawn taħt, il-Kunsill ingħata suġġeriment biex jikteb ittra ta' rappreżentazzjoni dwarhom:
PA/03959/26 – 9/11, Triq Mikielang Borg, Lija.
PA/04133/26 – No2, Tal-Macacc, Triq Mons. Joseph Fenech, Sqaq nru 1.
PA/04232/26 – Garage, Sqaq ta' Sejduna, Lija.
PA/04552/26 – Triq il-Kbira, Triq Guiseppe Cali, Lija.
PA/04711/26 – Elidor, Triq Ħal Bordi, Lija .

28.13.2 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat waħda waħda dwar xiex jitrattaw dawn l-applikazzjoni u staqsiet lil Kunsill kollu jekk jixtieqx jipproċedi billi jikteb lil l-Awtorita kif ġie ssuġġeriet mit-Town planner, dwar xi waħda mill-applikazzjonijiet.

28.13.3 Il-Kunsill iddeċieda li fuq bażi tas-suġġerimenti tat-town planner, jiġu sottomessi ittra ta' rappreżentazzjoni / oġġezzjoni fuq:
PA/04232/26 – Garage, Sqaq ta' Sejduna, Lija.
PA/04711/26 – Elidor, Triq Ħal Bordi, Lija

## 28.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

28.14.1 Qabel ma ntemmet il-laqgħa s-Sindku staqsa lill-Kunsilliera jekk jixtiequx jagħmlu xi kummenti, suġġerimenti jew mistoqsijiet addizzjonali oħra.

28.14.2 Il-Viċi Sindku Calcedonio Cini ħa l-opportunita biex jirringrazzja lis-Sindku u kif ukoll lis-Segretarju Eżekuttiv flimkien mal-amministrazzjoni tal-ħidma tagħhom fir-rigward ta' Jum Ħal Lija u anke Pjazza Pjazza. Kompla jgħid kif fl-aħħar anke mexew ix-xogħlijiet li kienu qed isiru ta' wiċċ ġdid fl-isqaqien u spiċċa billi qal kif issa jittama li kollox jmur tajjeb għal festa tas-Salvatur. Huwa awgura wkoll l-festa t-tajba lil kulħadd.

28.14.3 Il-Kunsillier Lorraine Farrugia Muscia xtaqet tara jekk hemmx xi update dwar l-implimentazzjoni tal-bus shelters. Kemm is-Sindku u kif ukoll is-Segretarju Eżekuttiv infurmawha kif update għadt m'hemmx u l-Kunsill żgur baqalu x'jistenna aktar biex jingħata feedback, għaliex bħala lokalita l-Kunsill kien ġie nfurmat li Ħal Lija qiegħda fl-aħħar tal-lista bħala urġenza kkumparat ma' lokalitajiet oħra. Pero ser tkun qed issir reminder mal-kumpanija kkonċernata li qed tieħu ħsieb it-tibdil u manutenzjoni tal-bus shelters. Is-Sa Farrugia Muscia staqsiet jekk sa dan it-tant il-Kunsill jistax jixtri jew jagħmel xi struttura temporanja għal bus shelters li talab biex isiru, biex din tilqa l-elementi naturali kollha. Is-Sindku qal kif jekk il-Kunsill idum ħafna aktar ma jingħata risposta, din hija xi ħaġa li tista tiġi kkunsidratha.

28.14.4 Il-Kunsillier Lorraine Farrugia Muscia xtaqet tkun taf ukoll jekk hemmx update dwar il-community Garden li l-Kunsill kien applika li jsir mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Is-Segretarju Eżekuttiv reġgħat fakret kif dik l-inizjattiva ma kienetx għadha valida u meta hija għamlet follow up mal-AKL, il-Kunsill kien ġie nfurmat kif din l-inizjattivita kienet għaddiet għand Parks Malta però għal xi raġuni jew oħra din l-inizjattiva twaqqfet u ma baqgħetx tiġi mplementatha. Is-Sa Farrugia Muscia staqsiet jekk allura l-Kunsill jistax jagħmel din l-inizjattiva waħdu u bejn wieħed u ieħor jimxi skond il-kuntratt tal-Heritage li hija kienet bagħtet bħala eżempju tal -Abbatija tad-dejr. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li bħala kuntratt mhux problema biex jiġi kkumpilat biss il-kunsill irid jkollu l-ewwel stampa ċara ta' xi jrid u tal-oġġettivi li qed jistenna jilħaq b'dan il-proġett, bħal eżempju fejn u l-aħjar post ideali li jsir dan il-community garden, x'ser jinżera fih, min ser jagħmel manutenzjoni tiegħu, tisqija u sorveljanza. Hemm ħafna affarijiet li l-ewwel iridu jiġu kkunsidrati u li jiddeċiedi fuqhom sew il-Kunsill kollu.

28.14.5 Qabel ma ntemmet is-seduta s-Sindku Anthony Dalli flimkien mal-Kunsilliera kollha awguraw l-Festa t-tajba lil xulxin bil-familji tagħhom u lir-residenti kollha ta' Ħal Lija

28.14.6 Il-Ħin kien 11:08am x'ħin intemmet is-seduta. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Erbgħa 26 ta' Awwissu 2026 u kien hemm qbil b'mod unanimu biex il-laqgħa ssir fl-04:00pm mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

Konfermati, illum l-Erbgħa 26 ta' Awwissu 2026.

IFFIRMAT
Anthony Dalli
Sindku

IFFIRMATA
Pamela Seguna
Segretarju Eżekuttiv

# KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA

36, VIDENZA, TRIQ Il-MITĦNA
ĦAL LIJA
TEL NO : 21416111

| Mail Reference | Date | Name | Surname | Subject |
|---|---|---|---|---|
| LLC JUN2026/000411 | 06/09/2026 | Fr. Joe Cilia | Kappillan | Festa Salvatur 2026 |
| LLC JUN2026/000412 | 06/09/2026 | Mark Camilleri | National Literacy Agency | Re: Libreriji fl-apert - Ftehim bejn l-Agenzija Nazzjonali tal litterizmu u il- Kunsill Lokali ta' Hal Lija |
| LLC JUN2026/000413 | 06/10/2026 | Jurgen Mifsud | Rural Affairs Department | Re: Talba biex issir Zjara gewwa il-Plant Protection Directorate Lija |
| LLC JUN2026/000414 | 06/11/2026 | Christopher Refalo | obo Peter Hili | Parking Layout Proposal |
| LLC JUN2026/000415 | 06/11/2026 | Justin Decelis | AKL | Cir AKL 2026/044 - Kampanja Blue Heart 2026 |
| LLC JUN2026/000416 | 16/06/26 | Nadia Camilleri | Enemalta PLC | Re: Bozzoz Ġodda fi Triq Carmelo Farrugia |
| LLC JUN2026/000417 | 16/06/26 | Fabian Mallia | Lightning Contractor | Quote |
| LLC JUN2026/000418 | 17/06/26 | Matthew Ellul | Resident | Re: Sleeping Police- Wrong positioning Triq N.Cottoner/Tal-Mirakli/Ħal Bordi Str. |
| LLC JUN2026/000419 | 17/06/26 | Lorraine German | MEPA | Re: Meeting PA regarding re-scheduling - Lija LC |
| LLC JUN2026/000420 | 18/06/26 | Vittorio Bruno | Resident | FW: Damage to inspection drainage box |
| LLC JUN2026/000421 | 19/06/26 | Antonella Vassallo | Resident | Re: Novena Zghazagh |
| LLC JUN2026/000422 | 19/06/26 | Rodney Micallef | Infrastructure Malta | Implementation Wing Sqaq ta' Sejduna |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| LLC JUN2026/000423 | 23/06/26 | Roberta Callus | Local Government Division | Finanzjament - manutenzzjoni sostenn ta' proġetti |
| LLC JUN2026/000424 | 23/06/26 | Robert Attard | Resident | Re: Ongoing Rat infestation in R. Mifsud Bonnici Str - resolved |
| LLC JUN2026/000425 | 23/06/26 | Graziella Camilleri | Police Department | Police Service request IRO Pjazza Pjazza |
| LLC JUN2026/000426 | 24/06/26 | Russell Scott Mifsud | Resident | Re: Road safety concern - Triq il-Kuncizzjoni - Installation of sleeping police |
| LLC JUN2026/000427 | 24/06/26 | Ondre Camilleri | Resident | Re: Over grown of Trees at Triq Karlu Darmanin |
| LLC JUN2026/000428 | 24/06/26 | Joseph Abdilla | District Operations Ltd | Updates regarding Performace bonus |
| LLC JUN2026/000429 | 25/06/26 | Isabella Mazza | Rani Restaurant | Re: Collaboration - Rani Restaurant Pjazza Pjazza |
| LLC JUN2026/000430 | 25/06/26 | Luke Scicluna | WSC | Re: Triq il-Kuncizzjoni Tarmac & Speed Hump |
| LLC JUN2026/000431 | 25/06/26 | Aldo Cassar | Ministry for Home Affairs | Re: Phase Two Pre-Financing - LESA Funds - Fondi għall-Proġetti fil-Komunita' |
| LLC JUN2026/000432 | 26/06/26 | Dr. Alexia Attard | Resident | Re: Bankina - Triq il-Forn |
| LLC JUN2026/000433 | 30/06/26 | Luana Pace | | Triq il-Kjeriku Gakbu Abela |
| LLC JUL2026/000434 | 07/02/2026 | Angela Spiteri | Resident | Re: Complaint Preziosi Str. double yellow lines |
| LLC JUL2026/000435 | 07/03/2026 | Christopher Galea | Local Government Division | Allokazzjoni Finanzjarja 2026 - It-Tielet Kwart |
| LLC JUL2026/000436 | 07/03/2026 | Rodney Micallef | Infrastructure Malta | Re: Sqaq Nru.1 Triq il-Kuncizzjoni |
| LLC JUL2026/000437 | 07/03/2026 | Yanika Debono | MIB Insurance | Insurance Claim re accident dated 06.05.26 |
| LLC JUL2026/000438 | 07/03/2026 | Marcus Cachia | Police Department | Fw: Building without Permits |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| LLC JUL2026/000439 | 07/03/2026 | Lianne Cassar | AKL | Update Cir AKL 2026/2021 - Arranġament dwar ħlasijiet lill-Pulizija |
| LLC JUL2026/000440 | 07/03/2026 | Dorianne Farrugia | Police Department | Re: Complaint in Trejqet Francis Anthony Fenech |
| LLC JUL2026/000441 | 07/06/2026 | | MEPA | Notification of Receipt of Fresh Drawings IRO PA 03729/26 |
| LLC JUL2026/000442 | 07/07/2026 | Christopher Galea Scannura | Police Department | Re: Festa Kristu Salvatur Ħal Lija |
| LLC JUL2026/000443 | 07/08/2026 | | MEPA | Notification of Receipt of Fresh Drawings IRO PA 03729/26 |
| LLC JUL2026/000444 | 07/08/2026 | Mark Arrigo | Resident | PA/01719/26 - Consultation |
| LLC JUL2026/000445 | 07/08/2026 | Mark Testaferrata | Kind's Auto Dealer | Re: Sqaq ta' Sejduna, Lija |
| LLC JUL2026/000446 | 07/09/2026 | Kurt Scerri | Local Government Division | Fw: Minn Pjazza Għall-Pjazza - Ħal Lija |
| LLC JUL2026/000447 | 07/09/2026 | Michael Vella | Cleansing Department | Re: Attivita' Minn Pjazza Għall-Pjazza |
| LLC JUL2026/000448 | 07/09/2026 | Maria Dolores Busuttil | TM | Letter - Reserved Parking Triq Sant'Andrija - Andrew Bonett |
| LLC JUL2026/000449 | 07/09/2026 | Mary Louise Zammit | Resident | Re: Parking IRO Pjazza Pjazza Activity |
| LLC JUL2026/000450 | 07/10/2026 | Ian Magro | AKL | Cir AKL 2026/053 - Group Life Policy 2026-2027 |